

Brussell, 20 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7547/26

COPEN 101
COTER 40
CT 38
ENFOPOL 106
JAI 380

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 137 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 137 final.

Mehmuż: COM(2026) 137 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.3.2026
COM(2026) 137 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewopea, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Objettivi tal-proposta

Din il-proposta għandha l-għan li tikseb mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (“il-Kunsill”) l-awtorizzazzjoni għall-Kummissjoni Ewropea (“il-Kummissjoni”) biex tiffirma l-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (“il-Protokoll”) f’isem l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni ser tippreżenta wkoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tikkonkludi l-Protokoll f’isem l-Unjoni Ewropea. Flimkien, dawn il-proposti jsegwu l-impenn tal-Kummissjoni fil-ProtectEU: Aġenda għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-terroriżmu¹.

It-terroriżmu huwa fenomenu globali u jirrappreżenta theddida li qed tikber għad-drittijiet fundamentali, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt fl-Ewropa u madwar id-dinja. L-attakki terroristiċi li twettqu f’dawn l-aħħar snin fl-Unjoni Ewropea u f’postijiet oħrajn madwar id-dinja kienu ksur inaċċettabbli tal-valuri u l-prinċipji li jirfdu s-soċjetajiet demokratiċi.

Filwaqt li l-UE rat inqas attakki kkoordinati fuq skala kbira, it-theddida ma telqitx - evolviet. Bejn l-2019 u l-2023, l-għadd ta’ inċidenti terroristiċi żdied b’aktar mid-doppju (minn 57 għal 120), qabel ma naqas għal 58 fl-2024². Atturi solitarji u ċelloli żgħar kienu fil-biċċa l-kbira responsabbli għal attakki reċenti. Il-livell ġenerali ta’ theddid għadu għoli, u huwa msawwar billi jiġu mmultiplikati l-ixprunaturi tat-theddid.

Fid-dawl ta’ tali theddida dejjiema u li qed tevolvi, hija meħtieġa azzjoni deċiżiva kontra t-terroriżmu, mhux biss fil-livell nazzjonali, iżda wkoll fil-livell Ewropew, pan-Ewropew u lil hinn minnu. In-natura ta’ spiss transfruntiera tat-terroriżmu teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali b’saħħitha bbażata fuq fehim komuni ta’ reati terroristiċi.

L-għan tal-Protokoll huwa li jimmodifika d-definizzjoni ta’ “reati terroristiċi” fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu sabiex tirrifletti l-fatt li t-terroristi kontemporanji marru lil hinn mill-miri aktar tradizzjonali u mill-*modus operandi* li huma s-suġġetti tat-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu attwalment imsemmija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni. Dawn it-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu jkopru reati speċifiċi bħall-ħtif illegali ta’ inġenji tal-ajru, il-bumbardamenti terroristiċi jew it-teħid ta’ ostaġġi. Madankollu, l-ambitu tar-reati koperti fih huwa eżawrjenti u ma jistax jirrifletti r-realtà tax-xenarju modern tat-terroriżmu.

Il-Protokoll ser jimmodernizza l-qafas legali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-għieda kontra t-terroriżmu u jiżgura li d-definizzjoni ta’ reati terroristiċi tirrifletti l-*modus operandi* estensiv skjerat minn terroristi kontemporanji. Barra minn hekk, id-definizzjoni li se tiġi introdotta mill-Protokoll se tiżgura ċ-ċertezza legali billi tintroduċi kundizzjonijiet legali li jridu jiġu ssodisfati sabiex att kriminali jammonta għal reat terroristiku, bħall-intenzjoni, il-limitu tal-gravità u t-twettiq tal-att b’għanijiet terroristiċi (“intenzjoni speċifika”).

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni ProtectEU: Aġenda għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-terroriżmu COM(2026) 101 final

² TE-SAT 2025: Europol, Rapport tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu 2025 (TE-SAT), Ġunju 2025.

Ladarba jidħol fis-seħħ, il-Protokoll se jistabbilixxi wkoll definizzjoni pan-Ewropea ta' reati terroristiċi li tkun kompatibbli mad-definizzjoni tal-UE li tinsab fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni pan-Ewropea l-ġdida ta' reati terroristiċi se toffri valur miżjud sostantiv għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-assistenza legali reċiproka u t-talbiet għall-estradizzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fost l-Istati tal-Kunsill tal-Ewropa li jiffirmaw u jirratifikaw il-Protokoll.

Sfond

L-Unjoni Ewropea ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (“il-Konvenzjoni Nru 196”) u l-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (“il-Konvenzjoni Nru 217”) fit-22 ta' Ottubru 2015 u rratifikathom fis-26 ta' Ġunju 2018. Kemm il-Konvenzjoni u kemm il-Protokoll Addizzjonali daħlu fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Ottubru 2018. Mill-21 ta' Jannar 2026, 25 Stat Membru tal-UE³ rratifikaw il-Konvenzjoni Nru 196.

Il-Konvenzjoni Nru 196 tirreferi għall-kriminalizzazzjoni ta' attivitajiet terroristi u attivitajiet relatati mat-terroriżmu, kif ukoll għall-kooperazzjoni internazzjonali rigward dawn ir-reati u l-protezzjoni, il-kumpens u l-appoġġ għall-vittmi tat-terroriżmu. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 jiddefinixxi “reati terroristiċi” billi jirreferi għall-atti elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Nru 196. L-Appendiċi I jelenka għadd ta' trattati tan-NU kontra t-terroriżmu, jiġifieri:

- Il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Qbid Illegali ta' Ajruplani, iffirmata fl-Aja fis-16 ta' Diċembru 1970;
- Il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili, konkluża f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971;
- Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ippenalizzar ta' Reati kontra Persuni li Jgawdu minn Protezzjoni Internazzjonali, Inklużi l-Aġenti Diplomatiċi, adottata fi New York fl-14 ta' Diċembru 1973;
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali kontra t-Teħid tal-Ostaġġi, adottata fi New York fis-17 ta' Diċembru 1979;
- Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari, adottata fi Vjenna fit-3 ta' Marzu 1980;
- Il-Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza f'Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, magħmul f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988;
- Il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tan-Navigazzjoni Marittima, magħmula f'Ruma fl-10 ta' Marzu 1988;
- Il-Protokoll għas-Soppressjoni ta' Atti Illeċiti kontra s-Sikurezza ta' Pjattaformi Fissi li jinsabu fuq il-Blata Kontinentali, magħmul f'Ruma fl-10 ta' Marzu 1988;
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni tal-Attakki Terroristiċi b'Bombi, adottata fi New York fl-15 ta' Diċembru 1997;
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, adottata fi New York fid-9 ta' Diċembru 1999;

³ L-Istati Membri kollha tal-UE minbarra l-Greċja u l-Irlanda rratifikaw il-Konvenzjoni Nru 196.

- Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari, adottata fi New York fit-13 ta' April 2005.

Fl-UE, id-Direttiva (UE) 2017/541 tistabilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tar-reati terroristiċi; reati relatati ma' grupp terroristiku u reati relatati ma' attivitajiet terroristiċi fl-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 jelenka l-atti kriminali intenzjonati li jistgħu jagħmlu ħsara serja lil pajjiż jew lil organizzazzjoni internazzjonali li jikkwalifikaw bħala “reati terroristiċi” meta jitwettqu b'wieħed mill-għanijiet terroristiċi speċifikati fl-Artikolu. B'paragun ma' dan, id-definizzjoni fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 ma tipprovdi lista espliċita ta' atti kriminali meqjusa bħala “reati terroristiċi” u tagħmel referenza ġenerali għall-atti li jinsabu fit-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni, li mhijiex definizzjoni komprensiva jew legali ċara. Barra minn hekk, id-definizzjoni fil-Konvenzjoni Nru 196 ma tinkludix l-għanijiet terroristiċi. Għalhekk, hemm differenzi konsiderevoli bejn id-definizzjoni ta' “reati terroristiċi” fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 u d-definizzjoni fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541.

Fl-2017, sabiex jirrifletti t-theddida terroristika li qed tevolvi, li tmur lil hinn mill-miri tradizzjonali u l-modi-operandi li huma s-suġġetti tat-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu msemmija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196, il-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (“CDCT”, Council of Europe Committee on Counter-Terrorism) ifforma grupp ta' ħidma bil-kompitu li jivvaluta l-ħtieġa u l-fattibbiltà li tiġi elaborata definizzjoni legali ta' “reati terroristiċi” li għandha tiġi applikata lill-Partijiet għall-Konvenzjoni Nru 196. Il-grupp ta' ħidma żviluppa sensiela ta' formulazzjonijiet alternattivi tad-definizzjoni u ppreżenta r-rapport finali⁴ tiegħu lill-Plenarja tas-CDCT, magħmula mill-Partijiet għall-Konvenzjoni Nru 196, f'Novembru 2019. Fir-rapport finali tiegħu, il-grupp ta' ħidma rrakkomanda lill-Plenarja tas-CDCT biex tiddeċiedi li huwa fattibbli u meħtieġ li tiġi elaborata definizzjoni legali ta' “reati terroristiċi” fil-Konvenzjoni Nru 196, u ppropona elementi testwali għal definizzjoni legali futura potenzjali.

Matul l-2020 u l-2021, esperti mill-Partijiet għall-Konvenzjoni ppreżentaw kummenti bil-miktub dwar ir-rapport finali. L-Unjoni Ewropea ma ppreżentatx kummenti bil-miktub. Madankollu, fil-kummenti bil-miktub tagħhom, għadd ta' Stati Membri tal-UE indikaw il-ħtieġa li l-elementi ta' definizzjoni legali futura potenzjali ta' “reati terroristiċi” fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa jiġu allinjati mad-definizzjoni ta' “reati terroristiċi” stabbilita fid-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu⁵.

Fl-2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ta mandat lis-CDCT biex jilħaq deċiżjoni dwar il-fattibbiltà tal-elaborazzjoni ta' definizzjoni legali ta' “reati terroristiċi” u biex iniedi n-negozjati dwar it-test tad-definizzjoni legali ġdida. Fit-2 ta' Diċembru 2022, fid-9 laqgħa Plenarja tas-CDCT, il-Plenarja qablet li definizzjoni legali ġdida hija fattibbli u ddeċidiet b'mod unanimu li tiftaħ negozjati formali fl-10 laqgħa Plenarja tas-CDCT fit-23-25 ta' Mejju 2023⁶.

⁴ Ir-Rapport Finali tas-Sottogrupp tas-CDCT bl-iskop li jeżamina l-fattibbiltà tal-elaborazzjoni ta' definizzjoni tat-terroriżmu, tas-26 ta' Settembru 2019 [CDCT-DEF \(2019\)03rev](#)

⁵ Id-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31 ta' Marzu 2017, p. 6).

⁶ Ir-Rapport Imqassar u l-Lista ta' Deċiżjonijiet tad-9 Laqgħa Plenarja tas-CDCT tat-2 ta' Diċembru 2022, p.4 [CDCT\(2022\)16](#)

Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar ir-reviżjoni jew l-emendar tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu, bil-ħsieb li tiġi modifikata d-definizzjoni ta' reati terroristiċi inkluża f'dik il-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni pparteċipat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill u kienet iggwidata mid-direttivi ta' negozjati stabbiliti fiha. Il-Kummissjoni kkonsultat b'mod konsistenti lill-kumitat speċjali tal-Kunsill għan-negozjati dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni u żgurat il-kompatibbiltà tal-Protokoll mal-*acquis* rilevanti tal-UE.

Is-sessjonijiet ta' negozjar saru fil-kuntest tal-laqgħat Plenarji biannwali tas-CDCT. B'kollox kien hemm erba' sessjonijiet ta' negozjati bejn it-23 ta' Mejju 2023 u l-14 ta' Novembru 2024. Fl-14 ta' Novembru 2024, il-Plenarja tas-CDCT approvat l-abbozz ta' Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-abbozz ta' Rapport ta' Spjegazzjoni li jakkumpanjah. Fil-25 ta' Ġunju 2025, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adottat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' Protokoll⁷. Fid-9 ta' Lulju 2025, fl-1534-il laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta l-Protokoll u ħa nota tar-Rapport ta' Spjegazzjoni tiegħu⁸. Fl-10 ta' Diċembru 2025, fl-1546-il laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Ministri qabel li jiftaħ il-Protokoll għall-iffirmar fis-26 ta' Mejju 2026 fi Strasburgu (Franza).

Il-Protokoll se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha l-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni Nru 196 ikunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll. Jekk dan ma jseħħx, wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet snin wara d-data li fiha l-Protokoll ikun infetaħ għall-iffirmar, il-Protokoll jidħol fis-seħħ għal dawk l-Istati li jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu, dment li l-Protokoll ikun ġie ratifikat minn mill-inqas żewġ terzi tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Nru 196.

L-Unjoni Ewropea tista' tiffirma u tirratifika l-Protokoll bħala organizzazzjoni internazzjonali li hija parti għall-Konvenzjoni Nru 196.

Raġunijiet għall-proposta

Il-Protokoll huwa konformi mal-għan tal-UE li ssaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali filwaqt li tqis l-interessi tas-sigurtà tal-UE, kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ProtectEU⁹. Kif enfasizzat fil-ProtectEU: L-aġenda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu¹⁰, il-Protokoll ser jikkontribwixxi għall-ġlieda pan-Ewropea kontra t-terroriżmu u jiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, permezz tal-armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' reati terroristiċi fost l-Istati tal-Kunsill tal-Ewropa li ser jiffirmaw u jirratifikaw il-Protokoll.

L-ewwel nett, il-Protokoll, bl-introduzzjoni ta' definizzjoni legali ta' reati terroristiċi, se joffri valur miżjud sostantiv għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-assistenza legali reċiproka u t-talbiet għall-estradizzjoni fost l-Istati Partijiet għall-Protokoll u l-Konvenzjoni Nru 196.

⁷ Opinjoni 307 (2025) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa

⁸ Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Del/Dec (2025)1534/10.3

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, COM(2025)148 final.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni ProtectEU: Aġenda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu COM(2026) 101 final

It-tieni, bl-adozzjoni ta' definizzjoni legali usa' u komprensiva ta' reati terroristiċi, il-Protokoll se jiżgura li l-qafas legali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li l-Unjoni hija Parti fih, flimkien mal-Istati Membri tagħha, jiġi adattat biex jindirizza l-isfidi kontemporanji u futuri tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Din il-modernizzazzjoni se tippermetti li jingħalqu l-lakuni f'termini tar-reati terroristiċi mwettqa bl-użu tal-*modus operandi* u abbażi ta' atti kriminali li mhumiex koperti mit-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu li jinsabu fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Nru 196.

It-tielet, id-definizzjoni legali fil-Protokoll tosserva ċ-ċertezza legali u ġgħib titjib konsiderevoli meta mqabbla mad-definizzjoni l-antika li kienet tirreferi għal għadd ta' trattati tan-NU kontra t-terroriżmu li jiddefinixxu atti kriminali bħala reati terroristiċi b'mod mhux armonizzat. Id-definizzjoni legali l-ġdida hija abbozzata b'mod ċar u preċiż, li hija fformulata f'termini ġenerali u tinftiehem b'mod ċar minn dawk li huma soġġetti għal-liġi. Id-definizzjoni l-ġdida tidentifika b'mod aktar ċar il-kundizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu ssodisfati biex att jikkwalifika bħala reat terroristiku.

Ir-raba', id-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Protokoll hija allinjata u kompatibbli mad-definizzjoni tal-UE ta' reati terroristiċi li tinsab fid-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Dan se jippermetti lill-UE iżżomm il-qafas legali tagħha u tiżgura l-applikazzjoni kontinwa tad-dritt tal-Unjoni fost l-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, ladarba jidħol fis-seħħ, il-Protokoll se jiżgura konverġenza legali u fehim komuni tat-terroriżmu fost l-Istati tal-Kunsill tal-Ewropa fil-livell pan-Ewropew. L-aċċettazzjoni ta' definizzjoni pan-Ewropea tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tkomplija tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar definizzjoni ta' "reati terroristiċi" fil-kuntest tan-negożjati dwar l-Abbozz ta' Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali fil-livell tan-NU¹¹.

Il-ħames, il-Preambolu tal-Protokoll jafferma mill-ġdid li jenħtieġ li l-miżuri kollha meħuda għall-prevenzjoni jew it-trażżin ta' reati terroristiċi jkunu f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll obbligi oħra skont id-dritt internazzjonali, inkluż fejn applikabbli, id-dritt umanitarju internazzjonali. Dan huwa konformi mal-livell għoli ta' salvagwardji għall-protezzjoni u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali u d-dritt internazzjonali fil-politiki kontra t-terroriżmu skont id-dritt tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Is-suġġett tal-Protokoll huwa relatat direttament ma' regoli komuni tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-Protokoll għandu biss dispożizzjoni sostantiva waħda li tistabbilixxi definizzjoni legali ta' reati terroristiċi billi għandu l-ħsieb li jimmodifika d-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu.

Fil-15 ta' Marzu 2017, l-Unjoni adottat id-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-Direttiva tistabbilixxi definizzjonijiet armonizzati għal reati terroristiċi u reati relatati ma' attivitajiet terroristiċi li jservu bħala punt ta' riferiment għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali. L-Istati Membri tal-UE li japplikaw id-Direttiva¹² jeħtieġ li jiżguraw li r-reati stabbiliti fid-Direttiva jiġu kriminalizzati skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi hija stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. F'konformità mad-direttivi ta' negożjati, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri tal-UE, kellha l-għan li tikseb konsistenza u koerenza bejn il-Protokoll u d-definizzjoni tal-UE.

¹¹ Kumitat *ad hoc* stabbilit bir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 51/210 tas-17 ta' Diċembru 1996 – [Prodott tal-ħidma tal-Kumitat Ad Hoc](#) L-aħħar aġġornament: it-22 ta' Mejju 2025

¹² Id-Direttiva (UE) 2017/541 ma tapplikax għad-Danimarka u l-Irlanda.

Id-definizzjoni legali li tinsab fil-Protokoll hija ta' natura "ibrida", fejn l-ewwel parti tad-definizzjoni tirreferi għar-reati fl-ambitu ta' wieħed mit-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni Nru 196 u t-tieni parti tipprovdi lista eżawrjenti ta' atti li jikkwalifikaw bħala reati terroristiċi meta jissodisfaw kundizzjonijiet kumulattivi. It-trattati elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni Nru 196 huma strumenti globali stabbiliti sew u li ilhom jeżistu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għaldaqstant, l-Istati Partijiet għal dawn it-trattati kkriminalizzaw l-atti speċifikati fihom bħala reati fl-oqfsa legali nazzjonali tagħhom. Huwa importanti li tinżamm l-applikazzjoni kontinwa tagħhom mill-partijiet għall-Konvenzjoni Nru 196 fil-ġejjieni, għalhekk huwa ġġustifikat li tiġi segwita definizzjoni ibrida.

It-tieni parti tad-definizzjoni tirrifletti fil-biċċa l-kbira d-definizzjoni tal-UE ta' reati terroristiċi bl-eċċezzjoni li l-atti kriminali diġà koperti mit-trattati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni Nru 196 ġew esklużi mil-lista eżawrjenti ta' atti. B'mod partikolari dawn l-atti kriminali huma: teħid ta' ostaġġi; ikkawżar ta' qerda estensiva għal pjattaforma fissa li tinsab fuq il-blata kontinentali li x'aktarx tipperikola l-ħajja tal-bniedem li tirriżulta f'telf ekonomiku kbir; qbid ta' inġenji tal-ajru u bastimenti; il-manifattura, il-pussess, l-akkwist, it-trasport, il-provvista jew l-użu ta' splussivi.

Il-lista eżawrjenti ta' atti kriminali jikkwalifikaw bħala reati terroristiċi meta (i) l-att ikun intenzjonat; (ii) l-att ikun definit bħala reat skont il-liġi nazzjonali; (iii) l-att, minħabba n-natura jew il-kuntest tiegħu, jista' jagħmel ħsara serja lil pajjiż jew lil organizzazzjoni internazzjonali; (iv) l-att jitwettaq b'għan terroristiku. L-għanijiet terroristiċi huma li "jintimidaw serjament popolazzjoni", "iġiegħlu indebitament lil gvern jew lil organizzazzjoni internazzjonali jwettqu jew jastjenu milli jwettqu kwalunkwe att" u "jiddestabbilizzaw serjament jew jeqirdu l-istrutturi politiċi, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali fundamentali ta' pajjiż jew ta' organizzazzjoni internazzjonali". Fir-rigward ta' dawn il-kundizzjonijiet kumulattivi, it-tieni parti hija kompletament kompatibbli mal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Bħala konklużjoni, il-Protokoll huwa konsistenti mar-regoli u l-politiki tal-UE, b'mod partikolari l-miżuri tal-liġi kriminali tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Protokoll huwa konsistenti mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni Ewropea fl-oqfsa li se jkun koperti minnu (kif deskritt fit-Taqsima "*Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika*"). Fil-kuntest usa', il-Protokoll huwa konsistenti mal-istrumenti u l-politiki legali tal-UE adottati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE li jikkontribwixxu għall-ġlieda tal-UE kontra t-terroriżmu, kif ukoll l-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra. Oqfsa ta' politika oħrajn tal-Unjoni jibqgħu mhux affettwati.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali sostantiva**

Il-bażi legali sostantiva għal deċizzjoni skont l-Artikolu 218(6) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut ta' ftehim internazzjonali li għandu jiġi ffirmat. Jekk ftehim internazzjonali isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċizzjoni skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE trid tkun

ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

Minħabba li l-oġġettiv u l-komponent ewlenin tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi d-definizzjoni ta' reati kriminali fil-qasam tat-terroriżmu, b'mod partikolari d-definizzjoni ta' reati terroristiċi, il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 83(1) tat-TFUE.

- **Bażi legali proċedurali**

F'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, meta l-ftehim ikun relatat ma' kwistjonijiet barra mill-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim fuq proposta mill-Kummissjoni bħala negozjatur.

Minħabba li l-Artikolu 83(1) TFUE huwa l-bażi legali sostantiva, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-Protokoll wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 218(6), il-punt (a) TFUE.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tal-Protokoll hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE

- **Kompetenza tal-Unjoni**

L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva "li tikkonkludi ftehim internazzjonali (...) sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' toqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom." B'mod partikolari, ftehim internazzjonali jista' jaffettwa r-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom meta l-qasam kopert mill-ftehim jikkoinċidi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ikun kopert fil-biċċa l-kbira mid-dritt tal-Unjoni. L-Unjoni Ewropea eżerċitat il-kompetenza tagħha f'dan il-qasam permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Is-sustanza tal-Protokoll, id-definizzjoni ta' reati terroristiċi, hija koperta mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari mill-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541. Peress li hemm kważi identità tad-definizzjonijiet ta' reati terroristiċi bejn il-Protokoll u d-Direttiva (UE) 2017/541, il-Protokoll jista' jaffettwa d-Direttiva (UE) 2017/541 minħabba t-trikkib bejn il-Protokoll u d-Direttiva (UE) 2017/541. Barra minn hekk, il-Protokoll Emendatorju jespandi l-ambitu tar-reati terroristiċi skont il-Konvenzjoni, li l-Unjoni hija parti fiha, għal sitwazzjonijiet ġodda (li diġà huma rikonoxxuti skont id-dritt tal-UE bħala reati terroristiċi). B'dan il-mod, l-impenji tal-UE skont il-Konvenzjoni jiġu estiżi biex ikopru dawk l-attivitajiet il-ġodda. Għalhekk, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva biex tikkonkludi l-Protokoll.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika inkwistjoni. L-Unjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tiffirma l-Protokoll billi l-Unjoni diġà eżerċitat kompetenza interna f'dan il-qasam permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-Direttiva tipprevedi definizzjoni tal-UE ta' reati terroristiċi li tikkostitwixxi regoli minimi li għandhom jiġu applikati b'mod uniformi mill-Istati Membri tal-UE. Peress li l-Protokoll jemenda d-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa u d-definizzjoni ta' reati terroristiċi hija koperta mid-dritt tal-UE, jenħtieġ li l-Unjoni tiffirma l-Protokoll.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità tal-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress minn din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Matul in-negozjati, il-Kummissjoni, bħala r-rappreżentanta tal-Unjoni, ikkonsultat mal-kumitat speċjali tal-Kunsill għan-negozjati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2023 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa fin-negozjati f'isem l-Unjoni. Bħala membri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Istati Membri tal-UE setgħu jattendu s-sessjonijiet kollha tan-negozjati. Il-Kummissjoni kkonsultat mar-rappreżentanti tagħhom dwar il-formulazzjoni tagħha tal-pożizzjoni tal-Unjoni matul in-negozjati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

F'konformità mad-direttivi ta' negozjati stabbiliti mill-Kunsill, il-Kummissjoni żgurat li n-negozjati żguraw l-osservanza għad-drittijiet fundamentali, il-libertajiet u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif minqaxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Il-preambolu għall-Protokoll (il-paragrafu 5) jafferma mill-ġdid li l-miżuri kollha meħuda għall-prevenzjoni jew it-trażżin ta' reati terroristiċi f'dan il-Protokoll għandhom ikunu f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rilevanti, b'mod partikolari dawk minqaxa fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 5), kif ukoll obbligi oħra skont id-dritt internazzjonali, inkluż, fejn applikabbli, id-dritt umanitarju internazzjonali.

Barra minn hekk, il-Protokoll jemenda l-Konvenzjoni Nru 196. Meta jidħol fis-seħħ, dan ser jemenda l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 u jiġi integrat fil-Konvenzjoni għall-Istati Partijiet li jiffirmaw u jirratifikaw il-Protokoll. Għalhekk, il-Protokoll irid jinqara fil-kuntest tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni Nru 196 tipprevedi salvagwardji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, b'mod partikolari fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 12 u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 26 ta' dik il-Konvenzjoni. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li jenħtieġ li l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kriminalizzazzjoni josservaw id-drittijiet tal-bniedem u obbligi oħra skont id-dritt internazzjonali. Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 26 jiddikjara li xejn fil-Konvenzjoni

ma għandu jaffettwa drittijiet, obbligi u responsabbiltajiet oħra ta' Parti u individwi skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. Dawn is-salvagwardji huma kompatibbli ma' u jaqblu mal-livell għoli ta' salvagwardji tad-drittijiet fundamentali, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali previsti fid-dritt tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (il-Premessa 35, 37).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma hemm l-ebda pjan ta' implimentazzjoni, peress li ma hija meħtieġa l-ebda azzjoni mill-Unjoni Ewropea biex timplimenta l-Protokoll. Id-definizzjoni tal-UE ta' reati terroristiċi hija kompatibbli mad-definizzjoni ta' reati terroristiċi mdaħħla mill-Protokoll.

Fir-rigward tal-monitoraġġ, il-Kummissjoni se tiegħu sehem fil-laqgħat tal-Konferenza tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni Nru 196 li se timmonitorja wkoll l-implimentazzjoni tal-Protokoll ladarba jidħol fis-seħħ u temenda l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan tal-Protokoll huwa li jimmodifika d-definizzjoni ta' reati terroristiċi fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 sabiex tiġi adottata definizzjoni legali usa' u aktar xierqa ta' reati terroristiċi fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa biex jiġu indirizzati l-isfidi kontemporanji u tal-ġejjieni kontra t-terroriżmu. Dan il-Protokoll se joffri valur miżjud sostantiv għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-assistenza legali reċiproka u t-talbiet għall-estradizzjoni fost l-Istati Partijiet għall-Protokoll u l-Konvenzjoni Nru 196.

L-Artikolu 1 huwa d-dispożizzjoni prinċipali u l-unika dispożizzjoni sostantiva tal-Protokoll. Dan għandu l-għan li jissostitwixxi l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 b'definizzjoni legali ġdida ta' reati terroristiċi. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 huwa d-dispożizzjoni tat-“terminoloġija”, mhuwiex dispożizzjoni ta' kriminalizzazzjoni. Din tistabbilixxi d-definizzjoni ta' “reati terroristiċi” għall-finijiet tal-Konvenzjoni. Din id-definizzjoni hija konsistenti mal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni legali li tinsab fil-Protokoll hija ta' natura “ibrida”, fejn l-ewwel parti tad-definizzjoni tirreferi għar-reati fl-ambitu ta' wieħed mit-trattati tan-NU kontra t-terroriżmu elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni Nru 196 u t-tieni parti tipprovdi lista eżawrjenti ta' atti li jikkwalifikaw bħala reati terroristiċi meta jissodisfaw kundizzjonijiet kumulattivi. It-tieni parti tad-definizzjoni tipprevedi lista eżawrjenti ta' atti kriminali li jikkwalifikaw bħala reati terroristiċi meta (i) l-att ikun intenzjonat; (ii) l-att ikun definit bħala reat skont il-liġi nazzjonali; (iii) l-att, minħabba n-natura jew il-kuntest tiegħu, jista' jagħmel ħsara serja lil pajjiż jew lil organizzazzjoni internazzjonali; (iv) l-att jitwettaq b'għan terroristiku. (*għal tqabbil dettaljat mad-definizzjoni tal-UE jekk jogħġbok ara t-taqsimha ta' hawn dwar “Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika”*)

L-Artikolu 2 jirregola l-iffirmar u r-ratifika. Dan jiċċara li l-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Partijiet għall-Konvenzjoni Nru 196 li l-Protokoll jemenda. Dan għandu jkun soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, u l-istrumenti għal dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi kif u meta l-Protokoll se jidħol fis-seħħ. Hemm żewġ modi kif il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ: (i) fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur wara d-data li fiha l-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll jew (ii) wara l-iskadenza ta' tliet snin wara d-data li fiha jkun infetaħ għall-iffirmar, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward ta' dawk l-Istati li jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bih, dment li l-Protokoll ikun ġie ratifikat minn mill-inqas żewġ terzi tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. Dan l-Artikolu jistabbilixxi wkoll regoli dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, kwalunkwe Parti tista' tiddikjara (jew mal-iffirmar jew fi kwalunkwe mument aktar tard) li se tapplika l-Protokoll fuq bażi proviżorja. F'każijiet bħal dawn, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll għandhom japplikaw biss fir-rigward tal-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni li jkunu għamlu dikjarazzjoni bl-istess effett.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi li mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Partijiet skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196 se jiskadu. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni jippermetti lil Stat Parti jew lill-Unjoni Ewropea li ma tkunx parti għal trattat elenkat fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Nru 196 tiddikjara li t-trattat jitqies mhux inkluż fl-Appendiċi għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-Parti kkonċernata. L-Unjoni Ewropea ma ħarġitx dikjarazzjoni skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 196, għalhekk din id-dispożizzjoni għandha rilevanza limitata għall-Unjoni.

L-Artikolu 5 jiċċara li mhija permessa l-ebda riżerva fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll.

L-Artikolu 6 jirrikjedi li s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u lil kwalunkwe Parti oħra għall-Konvenzjoni Nru 196 dwar (i) kwalunkwe firma, (ii) id-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, (iii) id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u (iv) kwalunkwe att, notifika jew komunikazzjoni oħra relatata mal-Protokoll.

Il-Protokoll huwa akkumpanjat minn Rapport ta' Spjegazzjoni li l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ħa nota tiegħu meta adotta l-Protokoll fid-9 ta' Lulju 2025. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni ma jikkostitwixxix strument li jipprovdi interpretazzjoni awtorevoli tal-Protokoll, madankollu huwa maħsub biex jiffaċilita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Protokoll mill-Partijiet.

- **Test tal-Ftehim u n-notifiki**

It-test tal-Protokoll huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tipproċedi bid-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 2 tal-Protokoll, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) [deċiżjoni ta' ffirmar]¹³, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu ("il-Protokoll") ġie ffirmat fi [data], f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Protokoll huwa f'konformità mal-oġġettivi tas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikolu 67(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet kriminali biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, inkluż it-terroriżmu.
- (3) Il-Protokoll jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu billi jissostitwixxi d-definizzjoni ta' "reati terroristiċi" fl-Artikolu 1 tagħha, b'definizzjoni modifikata mdaħħla mill-Protokoll.
- (4) Id-definizzjoni modifikata ta' reati terroristiċi fil-Protokoll tindirizza l-ħtieġa sabiex tiġi adottata definizzjoni legali usa' u aktar xierqa ta' reati terroristiċi fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa biex jiġu indirizzati l-isfidi kontemporanji u tal-ġejjieni kontra t-terroriżmu.
- (5) Il-Protokoll, bl-introduzzjoni ta' definizzjoni legali ta' reati terroristiċi, se joffri valur miżjud sostantiv għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-assistenza legali reċiproka u t-talbiet għall-estradizzjoni fost l-Istati Partijiet għall-Protokoll u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu.
- (6) Bil-parteċipazzjoni tagħha fin-negozjati, f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni żgurat il-kompatibbiltà tal-Protokoll mar-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, id-definizzjoni legali ta' reati terroristiċi mdaħħla fil-Protokoll hija kompatibbli u konsistenti mad-definizzjoni tal-UE ta' reati terroristiċi stipulata fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-għieda kontra t-terroriżmu.
- (7) Il-Preambolu tal-Protokoll jafferma mill-ġdid li l-miżuri kollha meħuda għall-prevenzjoni jew it-trażżin ta' reati terroristiċi f'dan il-Protokoll għandhom ikunu f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rilevanti, b'mod partikolari dawk minquxa fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-

¹³ ĠUL, ...

Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll obbligi oħra skont id-dritt internazzjonali, inkluż, fejn applikabbli, id-dritt umanitarju internazzjonali. Dan huwa konformi mad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u s-salvagwardji tad-dritt internazzjonali u l-miżuri ta' protezzjoni skont id-dritt tal-UE.

- (8) Peress li l-Unjoni Ewropea hija Parti għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu, il-Protokoll huwa miftuħ għall-iffirmar u r-ratifika mill-Unjoni.
- (9) Il-konklużjoni rapida tal-Protokoll mill-Unjoni Ewropea ser tenfasizza l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għal definizzjoni komuni pan-Ewropea ta' "reati terroristiċi" li ser issaħħaħ l-isforzi reġjonali u internazzjonali kontra t-terroriżmu. Il-konklużjoni rapida tal-Protokoll se tiffaċilita wkoll id-dħul fis-seħħ f'waqtu tal-Protokoll.
- (10) Matul l-ewwel tliet snin wara l-iffirmar tal-Protokoll, il-partijiet kollha għall-Konvenzjoni jeħtieġ li jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu. Wara dawk it-tliet snin, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ għal dawk il-partijiet li jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu, dment li n-numru ta' dawk il-partijiet ikun mill-inqas ugwali għal 2/3 tal-partijiet għall-Konvenzjoni. Minħabba li l-Istati Membri huma wkoll partijiet għall-Konvenzjoni, dan ifisser li l-Protokoll qatt ma jidħol fis-seħħ jekk huma ma jesprimux il-kunsens tagħhom li jintrabtu biha. Peress li l-Protokoll jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jaġixxu mingħajr ma jingħataw is-setgħa mill-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu awtorizzati wkoll li jsiru partijiet għall-Protokoll, flimkien mal-Unjoni, fl-interess tal-Unjoni.
- (11) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, permezz ta' ittra] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.”]
- (12) JEW
- (13) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.”]
- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (15) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (“il-Protokoll”) huwa b'dan approvat¹⁴.

¹⁴ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L,, ELI...

Artikolu 2

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jikkonkludu, flimkien mal-Unjoni, il-Protokoll fl-interess tal-Unjoni u b'osservanza sħiħa tal-kompetenza esklużiva tagħha.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*